**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 5 ta` Jannar 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1926/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Anthony Camilleri K.I. 559857M, Franco Bajada K.I. 284961M, Leonard Cassar K.I. 430758M, Robert Pace K.I. 430758M, Robert Pace K.I. 588856M, Annunziato Bonello K.I. 388253M, Paul Lapira K.I. 91562M f`isimhom proprju u ghan-nom ta` "Merchants Street Business Community Association"**

***kontra***

**Onor Ministru Dott. Christian Cardona fil-vesti tieghu ta` Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fit-13 ta` Dicembru 2015.

Fit-13 ta` Dicembru 2015, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat, taghtu sal-ghada 14 ta` Dicembru 2015 fil-11.00 a.m. sabiex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-14 ta` Dicembru 2015 f`nofsinhar.

L-intimat kien notifikat fl-14 ta` Dicembru 2015 u pprezenta risposta bil-miktub dakinhar stess.

Fis-seduta tat-28 ta` April 2015, id-difensur taz-zewg intimati tat ruhha b`notifikata ghad-Direttur Generali ntimat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh tar-rikors.

Ir-rikors kien ittrattat fl-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2015. Fost hwejjeg ohra, fl-udjenza xehdu r-rikorrent Anthony Camilleri u Alexander Farrugia.

Ir-rikors thalla mbaghad ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti **talbu** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimat sabiex :-

***Jigi inibit milli jimplimenta pjan ta` rilokazzjoni ghall-bejjiegha tal-Monti fi Triq il-Merkanti, Valleta, kif anke rifless fl-allokazzjonijiet illi dan l-ahhar inghataw lill-istess bejjiegha tal-Monti.***

## III. Provi

**Ir-rikorrent Anthony Camilleri** – President tal-"Merchants Street Business Community" – xehed illi huwa personalment kien jiggestixxi zewg hwienet go Triq il-Merkanti, Valletta : C. Camilleri & Sons ; u M & Co. Qal illi fit-12 ta` Awissu 2015 baghat ghalih il-Kap tac-Civil Mario Cutajar li qallu li l-hsieb tal-Gvern kien li l-Monti jerga` jmur go Triq il-Merkanti. Huwa oggezzjona. Qallu li kien ser ikollu l-inkwiet ghaliex il-hwienet ta` Triq il-Merkanti – b`kollox tnejn u sebghin (72) - kienu sejrin joggezzjonaw. Ix-xhud qal lil Cutajar sabiex ma jaghmel xejn qabel ighid lilu. Cutajar wiegbu illi l-ewwel ma javza kien lilu b`li jsir. Cutajar qal lix-xhud sabiex izomm bhala

konfidenzjali dak li tkellmu, ghaliex jekk il-bejjiegha tal-Monti jsiru jafu li huma ma rieduhomx fi Triq il-Merkanti kienu se jduru ghal Cutajar. Fic-cirkostanzi, ix-xhud ma tkellem xejn. Ghadda z-zmien u x-xhud kompla jinsisti ma` Cutajar biex ikun avzat b`li kien qed jigri pero` baqa` bla risposta. Fl-4 ta` Dicembru 2015, kien il-Gimgha, bejjiegh tal-Monti ltaqa` ma` wahda mill-impjegati tieghu u qalilha li fil-vicin tal-Monti kienu ser jibqghu Strada Merkanti. L-impjegata nfurmat lill-wiehed mill-managers tieghu li min-naha tieghu kien pront avza lix-xhud. Huwa cempel mill-ewwel lis-Segretarju Permanenti Mario Cutajar pero' ma rnexxielux ikellmu billi Cutajar kien imsiefer fuq xoghol tal-Gvern. Baqa` jcempel anke wara izda baqa` bla risposta. Bosta kienu l-bejjiegha tal-Monti li komplew jinsistu li huma se jmorru Strada Merkanti u bdew jindikaw ukoll fejn kienu se jkunu posizzjonati.

Kompla xehed illi kien hemm okkazjoni fejn l-intimat stedinhom biex imorru jkellmuh il-Parlament. Kien akkumpanjat minn Paul Abela, President tal-GRTU. Damu jistennew izda gara li kien hemm votazzjoni mportanti u l-Ministru ma setax ikellimhom. Kellimhom minflok Jonathan Attard li kien jaqra l-ahbarijiet fuq il-One Television. Mieghu Attard tkellem car u tond illi tal-Monti kienu gejjin Strada Merkanti, beda jipprova jaghti d-daqs, u kif ser ikunu, bid-dettalji b`kollox. Hu u Paul Abela oggezzjonaw. Huwa qal lil Attard li lilu ma kienx jinteressah kemm ser ikunu gholjin u kemm ser ikunu wesghin. L-interess tieghu u ta` shabu tal-hwienet kien illi tal-Monti ma jigux Strada Merkanti, ghax dik kienet weghda li ghamel mieghu il-Prim' Ministru.

Qal illi temporanjament il-bejjiegha tal-Monti dahhluhom go Strada Merkanti fil-parti ta` bejn Old Theatre Street u St Lucy Street ghaliex kien hemm bzonn li jitnaddaf il-hajt tal-Palazz. Qabel kienu fil-pjazza ta` quddiem is-Suq il-Qadim `l isfel m,ill-hanut ta` Coppini tal-flus. Skond ma qal Jonathan Attard, tal-Monti kienu sejrin jigu rilokati dahar ma` dahar go Strada Merkanti minn faccata ta` Coppini sa quddiem il-Knisja ta` San Gakbu.

Kompla xehed illi lil Alexander Farrugia illi fil-procediment tal-lum deher bhala rapprezentant tal-intimat qatt ma rah qabel l-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2015. Joe Zrinzo la qatt tkellem mal-kumitat taghhom u lanqas lilu. Sar ir-rikors ghall-hrug tal-Mandat wara parir legali meta l-bejjiegha tal-Monti accertawhom li b`effett mill-14 ta` Dicembru 2015 huma kienu sejrin jarmaw go Strada Merkanti minn bejn Melita Street sa Old Theatre Street.

Stqarr illi jekk il-Monti jmur Strada Merkanti, jintlaqtu hazin 72 sid tal-hwienet. Dan ghaliex bhala fatt il-Monti jbaxxi t-triq u allura l-hwienet igarrbu tnaqqis fil-bejgh. Ikun hemm problemi ghall-konsenja tal-merkanzija, apparti li la tkun tista` tghaddi fire-engine u lanqas ambulanza. Bhala negozju, ikun zgur it-telf ; bizzejjed ighid li fi Triq il-Merkanti hemm hames franchises. Hemm il-possibilita` li jekk il-Monti jmur Strada Merkanti, il-franchises jirtiraw minn

Malta. Ighid illi kull darba li kiteb lill-Prim` Ministru, dan accertah li ma kienx ser jibqa` fejn huwa llum temporanjament, u lanqas go Triq il-Merkanti. Il-pregudizzju negattiv ser ibatuh anke dawk il-hwienet li joffru *catering* u li qeghdin ihallsu kera apposta biex ikunu jisstghu jservu fit-triq.

**Fil-kontroezami**, Anthony Camilleri xehed illi l-ghada tal-inkontru li kellu jsir il-Parlament, il-Ministru ntimat rega` baghat ghalihom u ltaqghu mieghu. F`dik il-laqgha, il-Ministru Cardona tkellem car fis-sens illi lil tal-Monti ma riedhomx go Strada Merkanti. Ix-xhud qal lill-Ministru illi jekk tal-Monti kienu se jmorru go Strada Merkanti huma kienu ser jitilfu l-flus, apparti li ma kienx jixraq illi fi Strada Merkanti jkun hemm il-Monti. Kien hemm ukoll aspett ta` sigurta` li kellu jigi kkunsidrat billi kien hemm il-fergha tal-HSBC. Bhala fatt il-Ministru Cardona lilu qatt ma qallu li tal-Monti kienu ser imorru fi Strada Merkanti fl-14 ta` Dicembru ; lanqas ma qallu l-maqlub. Is-sidien tal-hwienet tat-triq thallew fl-ghama ; ghalhekk kellhom jiehdu azzjoni. Bhala fatt nhar l-14 ta` Dicembru ma kienx hemm bejjiegha tal-Monti armati bejn il-hanut ta` Coppini u l-Knisja ta` San Gakbu.

**Alexander Farrugia** – konsulent tal-Ministru ntimat – ikkonferma bil-gurament dak li kien verbalizzat fl-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2015 u cioe` :-

"*Jiddikjara li fil-prezent ma hemm l-ebda decizjoni dwar pjan ta' rilokazzjoni ghall-bejjiegha tal-Monti fi Triq Merkanti, Valletta. Ghall-fini ta' aktar kjarezza l-istess Alexander Farrugia jiddikjara li ladarba m`hemm l-ebda pjan ta' rilokazzjoni, ma hemm xejn x'jigi mplimentat. Ikompli jiccara li fl-istadju attwali ghaddejjin diskussjonijiet tramite ntermedjarju sabiex jigi stabbilit ghandux ikun hemm pjan ta' rilokazzjoni. Id-diskussjonijiet qed jigu kondotti minn intermedjarju fuq naha wahda mieghu assistit mill-Avukat Jonathan Attard, u min-naha l-ohra rapprezentanti tal-bejjiegha tal-Monti, li maghhom diga' tkellem, u eventwalment mar-rikorrenti, li sal-lum ghadu ma tkellimx maghhom.*"

Xehed illi huwa qatt ma tkellem ma` Anthony Camilleri. Sal-lum huwa tkellem ma` Joe Zrinzo li *kien il-bniedem li kellu x'jaqsam, minn qabel l-elezzjoni, fuq il-bicca xoghol tal-Monti. Il-bejjiegha tal-Monti ghandhom fiducja fis-Sur Joe Zrinzo, u jirrapprezentahom u jiddiskuti maghna, pero' m'hemm xejn deciz finali* (kliem ix-xhud). Fil-fatt dan Joe Zrinzo kien maghzul mill-bejjiegha tal-Monti sabiex jitkellem ghalihom mal-Gvern. Kien *intermedjarju* f`dak is-sens. U kwindi ma kienx qed jitkellem ghas-sidien tal-hwienet ta` Triq il-Merkanti. Huwa baqa` sorpriz meta qara fil-gurnali li l-bejjiegha tal-Monti kienu sejrin jiccaqilqu lejn Triq il-Merkanti fl-14 ta` Dicembru *ghas-semplici raguni li qatt ma nghataw l-ebda direzzjoni biex jiccaqalqu minn fejn qeghdin prezentement* (kliem ix-xhud). Minhabba xogholijiet li kienu qeghdin isiru mal-hajt tal-Palazz, il-bejjiegha tal-Monti nghataw koncessjoni li jmorru go Triq il-Merkanti safejn din tinkrocja ma` Triq Santa Lucija. Kif jitlesta x-xoghol tal-

Palazz, imorru lura fejn kienu. Dwar caqlieq fi Strada Merkanti bejn il-hanut ta` Coppini u l-Knisja ta` San Gakbu, ix-xhud stqarr : *Jiena qatt ma ssuggerejt illi ser isir dan. Ahna qeghdin niehdu hafna considerations biex jigi rilokat il-monti, mhijiex l-unika triq li qed nikkunsidraw.* Ikkonferma li huma tkellmu biss man-nies tal-Monti. Lir-rikorrenti ghadhom ma kellmuhomx. Se jkellmuhom fl-ewwel kwart tal-2006. Sostna li *ghax ahna m'ahniex behsiebna ncaqalqu l-monti qabel inkellmu lil kulhadd li hu kkoncernat. Imbaghad id-decizjoni johodha l-Ministru, sintendi. M'hemm l-ebda decizjoni, ma ttiehdet l-ebda decizjoni* (kliem ix-xhud). Dwar ir-rwol ta` Joe Zrinzo, ix-xhud fisser illi : *Jiena bhala konsulent ma tkellimt qatt la mal-bejjiegha tal-monti u lanqas mar-rapprezentanti taghhom. Qabel kien hemm jiena kien hemm bord li tkellmet iva mal-bejjiegha tal-monti.*

Dwar Jonathan Attard, ix-xhud stqarr li sa erba' xhur qabel dahal hu, Jonathan Attard kien parti minn bord, inkluz Joe Zrinzo, li kellu jiehu hsieb il-Monti ta` Malta kollha – mhux tal-Belt biss. Kompla stqarr illi *allahares kull triq li qeghdin nikkunsidraw ghandna mandat ta' inibizzjoni fuqha, ghax ahna mhux triq wahda jew location wahda. La tigi downsized l-idea ta' triq jew tnejn jew tlieta mbaghad nitkellmu kompletament ma' kulhadd imbaghad jiehu d-decizjoni l-Ministru.*

**<u>Fil-kontroezami,</u>** Alexander Farrugia xehed li r-rwol principali tieghu (fost mansjonijiet ohra) huwa illi jara jekk hemmx bzonn ta` rilokazzjoni tal-bejjiegha tal-Monti. Ix-xoghol tieghu ghadu mhux finalizzat. Behsiebu jittratta dwar il-kwistjoni fl-ewwel kwart tal-2016. Dan ifisser li sal-ahhar ta` Marzu 2016 ha jkunu tkellmu ma` kull min huwa koncernat. L-ahhar kelma tkun tal-Ministru ntimat. Sostna li ma kienet ittiehdet l-ebda decizjoni dwar ic-caqlieq tal-Monti lejn Strada Merkanti. Ghalhekk il-ministru baqa` sorpriz bl-ahbar li kien ser ikun hemm caqlieq fl-14 ta` Dicembru 2015.

## III. <u>Dritt</u>

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum huwa l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huwa l-ewwel tlieta ; b`mod partikolari t-tielet subinciz. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

Din tal-lum hija talba ghall-hrug tal-Mandat li tinkwadra ruhha fis-subinciz tlieta (3) billi l-istanza hija diretta kontra Ministru bhala rapprezentant tal-Gvern.

It-tliet subincizi <u>kif inhuma llum</u> dahlu fil-Kap 12 bis-sahha tal-Art 102 tal-Att XIV tal-2006.

Tajjeb jinghad illi qabel l-emenda bl-Att XIV tal-2006, is-subinciz tlieta (3), li kien gie introdott ghall-ewwel darba bl-Art 8 tal-Att VIII tal-1981, kien jaqra hekk :-

*Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq ma jkunx jista` jigi rimedjat.*

Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 <u>kif inhuma llum</u>, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("*m`ghandhiex*") tordna l-hrug tal-Mandat kontra l-Ministru ntimat, kif qeghdin jirrikjedu r-rikorrenti, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti
ii) Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandhom dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi l-intimat ma jikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq mir-rikorrenti, kemm –il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrenti jitolbu li tigi mizmuma.

## IV. <u>Gurisprudenza</u>

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal xi principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghha dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, u li huma rilevanti ghall-kaz tal-lum :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-element tal-pregudizzju llum bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`ghadux dak ta` pregudizzju *li ma jkunx jista` jigi rimedjat*, kif kien il-kaz qabel dahlet l-emenda ghall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

3) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

4) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

5) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## V. **Risultanzi**

It-tielet (iii) rekwizit ghall-hrug ta` Mandat kontra l-Gvern johloq **pregudizzjali** fis-sens illi jekk l-intimat ma jikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, il-Mandat ma jkunx jista` jinhareg. Dan ifisser illi jkun ghal kollox inutili li l-Qorti tistharreg jekk jirrizultawx ir-rekwiziti l-ohra fil-kaz li ma ssirx il-konferma skond it-tielet (iii) rekwizit.

Fil-kaz tal-lum, ghall-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2015, ma deherx il-Ministru ntimat. Minflok il-Ministru, deher il-konsulent tieghu Alexander Farrugia, bid-delega li anke jaghmel id-dikjarazzjoni skond l-Art 873(3) tal-Kap 12. L-istess Alexander Farrugia fil-kwalita` tieghu kif indikat kien assistit mill-Av. Victoria Buttigieg mill-Ufficcju tal-Avukat Generali u mill-Av. Nadine Sant, konsulent tal-Ministeru.

Din il-Qorti tghid illi l-konferma o meno rikjesta mill-Art 873(3) ma ghandhiex ghalfejn issir mill-intimat personalment sabiex tkun valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Il-vot tal-ligi jkun sodisfatt jekk l-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni tkun awtorizzata taghmel dak rikjest mill-intimat skond l-Art 873(3). U hekk jirrizulta li kien il-kaz tal-lum. Mhux biss. Izda fil-kaz tal-lum din il-Qorti *ex abundanti cautela* ma qaghditx fuq id-dikjarazzjoni ta` Alexander Farrugia, kif verbalizzata fl-atti tal-procediment, izda marret oltre, u tat direzzjoni lill-istess Alexander Farrugia sabiex jikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu bil-gurament. U hekk sar.

Skond dak verbalizzat waqt l-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2015, kif ukoll skond ma xehed Alexander Farrugia :-

i) il-Ministru m`ghandu l-ebda pjan li bih il-bejjiegha tal-Monti se jkunu rilokati ghal Triq il-Merkanti, Valletta ;

ii) ladarba ma hemmx dan il-pjan ta` rilokazzjoni, ma hemm xejn x`jigi mplimentat.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, kif del resto huwa evidenti mis-sintesi tax-xiehda li diga` saret riferenza ghaliha, il-partijiet – specjalment ir-rikorrenti – dahlu frontalment fil-qofol tal-kwistjoni fil-mertu. Skond ir-rikorrenti, l-eventwali caqlieq tal-bejjiegha tal-Monti lejn Triq il-Merkanti minn bejn l-ufficcju ta` Coppini (kantuniera ma` Triq it-Teatru l-Qadim) sal-Knisja ta` San Gakbu (kantuniera ma` Triq Melita) tkun ta` hsara kbira ghan-negozju taghhom. Ghalhekk qeghdin jopponu kull proposta li jsir dan ic-caqlieq. Fid-deposizzjoni tieghu, ir-rikorrent Anthony Camilleri xehed illi ghalkemm fil-11 ta`

Dicembru 2015 huma raw l-istqarrija ghall-istampa li hareg il-Gvern, xorta wahda pprezentaw ir-rikors odjern ghaliex saru jafu minn bejjiegha tal-Monti (li l-identita` taghhom ma kenitx zvelata) illi fl-14 ta` Dicembru 2015 il-bejjiegha tal-Monti kienu sejrin imorru fi Triq il-Merkanti kif specifikat mill-istess Anthony Camilleri. It-thassib tar-rikorrenti kien anke l-konsegwenza tal-fatt li lejn il-bidu ta` Dicembru 2015, Dr Jonathan Attard li jidher li huwa persuna nvoluta fil-Ministeru kien qal lir-rikorrent (fil-presenza ta` Paul Abela – President tal-GRTU) li l-bejjiegha tal-Monti kienu sejrin imorru fi Triq Merkanti u sahansitra tahom id-dettalji.

Waqt dan il-procediment, issemmew bejjiegha tal-Monti (mhux identifikati), Paul Abela (President tal-GRTU), Joe Zrinzo li qed jittratta mal-Gvern ghall-bejjiegha tal-Monti, u Dr Jonathan Attard. Hadd minn dawn il-persuni li ngieb `il quddiem sabiex jiddeponi. Il-Qorti ghalhekk trid toqghod fuq dak li rrizultalha abbazi tad-deposizzjoni ta` Anthony Camilleri, u ta` Alexander Farrugia.

**Kien x`kien l-isfond ta` x`wassal sabiex ir-rikorrenti jipprezentaw ir-rikors tal-lum, jibqa` l-fatt li Alexander Farrugia <u>ma kkonfermax fil-miftuh</u> quddiem il-Qorti li kien ser jigi mplimentat pjan ta` rilokazzjoni ghall-bejjiegha tal-Monti fi Triq il-Merkanti, Valletta, kif sostnut mir-rikorrenti. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, meta rinfaccjati mill-posizzjoni tal-intimat, ir-rikorrenti ttentaw jikkontestaw l-attendibilita` ta` dak iddikjarat minn Alexander Farrugia.**

**Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-linja li hadu r-rikorrenti u tafferma illi ghall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi procediment ghall-hrug ta` l-Mandat kontra l-Gvern, tisharreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qeghda ssir fil-miftuh. Jekk tidhol fi process ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qeghda tohrog mill-binarji previsti mill-Art 873(3).**

**Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi *l-qorti tkun sodisfatta* dik il-frazi mhijiex qeghda tirreferi ghall-konferma o meno, izda qeghda torbot mar-rekwizit erbgha (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uza l-konguntiv *u*. Ghal din il-Qorti dan sar sabiex min-naha wahda jaghmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naha l-ohra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iz-zewg rekwiziti jridu jsehhu flimkien.**

**Dan premess, din il-Qorti mhijiex sejra tonqos milli tirrileva li d-dikjarazzjoni fil-miftuh li ghamel Alexander Farrugia tghabbi lill-istess**

**Alexander Farrugia b`responsabilita` kbira mhux biss minhabba r-rwol partikolari li kellu fil-procediment tal-lum, izda ghaliex ikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni li ghamel. Il-Qorti tghid illi r-responsabilita` ghad-dikjarazzjoni li ghamel Alexander Farrugia testendi wkoll ghand il-Ministru Christian Cardona, li b`delega tieghu Alexander Farrugia deher fil-procediment odjern.**

## VI. Konkluzjoni

**Billi t-tielet (iii) rekwizit ghall-hrug tal-Mandat huwa nieqes, u billi r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi, il-Qorti *m`ghandhiex* tordna l-hrug tal-Mandat. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx htiega li l-Qorti tqis is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra.**

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta` Dicembru 2015 safejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**